



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 154/22

il-Lussemburgu, 16 ta' Settembru 2022

Savvas Papasavvas elett mill-ġdid Viċi President tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea

Wara t-tibdil parzjali tal-Membri tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea ¹, Savvas Papasavvas ġie elett mill-ġdid Viċi President tal-Qorti Ġenerali għall-perijodu bejn is-16 ta' Settembru 2022 u l-31 ta' Awwissu 2025.

Curriculum vitae ta' Savvas Papasavvas

Imwieled fl-1969 f'Nikosija (Ċipru), Savvas Papasavvas studja fl-Ethnikó kai Kapodistriakó Panepistímio Athinón (l-Università nazzjonali u ta' Kapodistrias ta' Atena, il-Greċja) u hemmhekk kiseb l-ekwivalenti ta' master fid-dritt (Ptychion) fl-1991. Huwa kompla l-istudji ta' dottorat fl-université de Paris II (l-Università ta' Pariġi II, Franza) li fl-1992 tagħtu diploma ta' studji approfonditi fid-dritt pubbliku. Fl-1995, wara l-istudji tiegħu ta' dottorat fl-université d'Aix-Marseille III (l-Università ta' Aix-Marseille III, Franza), huwa kiseb it-titolu ta' dottorat fid-dritt.

Wara li ġie ammess fil-Kamra tal-Avukati ta' Ċipru, membru tal-Kamra tal-Avukati ta' Nikosija mill-1993, S. Papasavvas kompla l-karriera tiegħu ta' avukat sal-ħatra tiegħu mal-Qorti Ġenerali fl-2004.

Huwa ddedika ruħu wkoll għat-tagħlim fil-Panepistímio Kýprou (l-Università ta' Ċipru) fil-kwalità tiegħu ta' lezzur mill-1997 sal-2002, qabel ma ġie elett hemmhekk bħala lezzur anzjan fid-dritt kostituzzjonali mill-2002 sal-2004.

S. Papasavvas inħatar Imħallef fil-Qorti Ġenerali fit-12 ta' Mejju 2004 fejn żgura l-funzjonijiet ta' President ta' Awla fl-okkażjoni ta' żewġ mandati konsekuttivi, mill-15 ta' Settembru 2010 sal-25 ta' Settembru 2016. Ġie elett Viċi President tal-Qorti Ġenerali minn sħabu fis-27 ta' Settembru 2019 u huwa f'din il-kwalità li jservi fil-Qorti Ġenerali.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ibqgħu konnessi!

